**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2018**

**Talba Nru: 246/2018 PM1**

**WDM International Ltd. (C29140)**

**Vs**

**Personal Air Transport Limited (C65345)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha (4) ta' Gunju, elfejn u tmintax (2018) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet illi s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata debitrici tas-socjeta` attrici u kkundannata thallas is-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u erbghin euro (€2242) skont *statement* anness mat-talba u mmarkat Dok. ST u liema somma tirrapprezenta *consultancy services* rezi lill-istess socjeta` konvenuta fuq ordni u inkarigu taghha stess, bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u kif ukoll ta' kull procedura

kontestwali u/jew sussegwenti, bl-imghax legali sa mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2018 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` intimata sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Jirrizulta car ukoll li d-dejn mertu tal-kawza huwa wiehed ta’ natura kummercjali rapprezentanti servizzi rezi minn socjeta` kummercjali lis-socjeta` kummercjali intimata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elfejn, mitejn u tnejn u erbghin euro (€2242) rapprezentanti prezz ta’ *consultancy services* rezi lill-istess socjeta` konvenuta fuq ordni u inkarigu taghha stess, bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u bl-imghax legali sa mid-data tal-fattura ossija 4 ta’ Mejju, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**